# Minn nomi epiċeni għal nomi ta' ġens komuni – tendenza ġdida fl-għoti tal-ġens fil-Malti kontemporanju?

George Farrugia

Fi studju preċedenti li jittratta b'mod komprensiv il-ġens grammatikali fil-Malti, Farrugia (2018) jinnota li xi nomi li tradizzjonalment jitqiesu epiċeni, jiġifieri jingħataw ġens fiss kemm meta jirreferu għal persuna ta' sess maskili kif ukoll għal persuna ta' sess femminili, kienu ttrattati aktar bħala nomi ta' ġens komuni. L-għan ewlieni ta' dan ix-xogħol huwa sewwasew li jistħarreġ numru akbar ta' nomi epiċeni f'kuntesti sintattiċi differenti biex ikun stabbilit jekk din it-tendenza hijiex preżenti tassew fil-Malti kontemporanju.

*Introduzzjoni*

Il-Malti huwa lingwa li tħaddan is-sistema tal-ġens grammatikali, komposta minn żewġ kategoriji tal-ġens – il-maskil u l-femminil. F'din is-sistema l-kategorija li n-nom ikun jappartjeni għaliha hija riflessa fil-forom li jieħdu l-elementi l-oħra relatati magħha sintattikament. Dawn l-elementi huma magħrufa bħala *elementi-mira* filwaqt li n-nom nirreferu għalih bħala *l-kontrollatur* għax irieġi l-qbil grammatikali.[1] Dan jikkonferma li l-ġens huwa fenomenu morfosintattiku minħabba li l-kriterju determinanti tiegħu huwa l-qbil grammatikali/sintattiku b'riflessi morfoloġiċi.

Is-sistemi tal-ġens grammatikali għandhom xi forma ta' rabta mal-ġens naturali. Din il-korrelazzjoni mhijiex diretta minħabba li s-sess jirrappreżenta kategorizzazzjoni bijoloġika u l-ġens waħda grammatikali. Fejn jidħol is-sess

tal-persuna, fil-lingwi nsibu nukleu ta' kliem li għandu komponent kunċettwali definit, li fih insibu dawk in-nomi li jirreferu għal entitajiet assoċjati ma' sess jew ieħor u li jappartjenu għal klassijiet jew kategoriji differenti ta' ġens li jiddependu aktar mis-sess tar-referent milli mill-forma tan-nom li jirreferi għalih. Xi wħud, bħal Hellinger u Bußmann (2002: 8), jirreferu għal dan il-fattur, li jidher li huwa universali, bħala 'l-ġens referenzjali'. Dan l-element semantiku kunċettwali, biex insejħulu hekk, jista' jintiseġ ma' fatturi oħra morfoloġiċi u sintattiċi li jvarjaw minn lingwa għal oħra fil-proċess tal-għoti tal-ġens.

*Tipi differenti fil-Malti*

Fil-Malti din ir-relazzjoni bejn il-ġens u s-sess hija qawwija ħafna u bħala regola, fil-każ tan-nomi animati, nistgħu ngħidu li n-nomi li jirreferu għal persuni ta' sess maskili jingħataw il-ġens maskili filwaqt li n-nomi li jirreferu għal persuni ta' sess femminili jingħataw il-ġens femminili. Madankollu, is-sitwazzjoni mhijiex dejjem daqshekk ċara u sempliċi, tant li xi drabi donna nsibu diffikultà meta niġu biex nagħtu l-ġens grammatikali lil ċerti nomi li jirreferu għal entitajiet umani, l-aktar meta dawn ikunu f'kuntest sentenzjali u mhux sempliċiment bħala kelma iżolata. Farrugia (2018: 167-172) jikkonkludi li dawn in-nomi li jirreferu għal persuni huma ta' tipi differenti u jġibu ruħhom b'mod differenti f'kuntesti sentenzjali varji. Huwa jiddistingwi bejn sitt tipi differenti. Tip A jiġbor fih dawk in-nomi li Hellinger u Bußmann (2002: 7) jirreferu għalihom bħala nomi li għandhom ġens lessikali ('lexical gender'), jiġifieri żewġ forom bi zkuk lessikali differenti, forma li jingħatalha l-ġens maskili u tirreferi għal persuna ta' sess maskili u l-oħra li jingħatalha l-ġens femminili u tirreferi għal persuna ta' sess femminili, pereżempju 'omm' – 'missier'. Tip B jiġbor fih żewġ forom, forma maskili li jingħatalha l-ġens maskili u forma oħra femminili, relatata magħha morfoloġikament, li jingħatalha l-ġens femminili, jiġifieri ż-żewġ forom għandhom l-istess zokk lessikali. Il-forma li jingħatalha l-ġens maskili tirreferi għal persuna ta' sess maskili filwaqt li l-forma li jingħatalha l-ġens femminili tirreferi għal persuna ta' sess femminili, pereżempju 'tabib' – 'tabiba', 'prinċep' – 'prinċipessa'. Marcato u Thüne (2002: 191) jirreferu għal dan it-tip ta' nomi bħala nomi li għandhom ġens mobbli ('mobile gender'). Tip Ċ jinkludi fih il-karatteristika ta' Tip B (eż. 'president' – 'presidenta') iżda f'dan il-każ waħda mill-forom tista' tingħata

wkoll ġens komuni (eż. 'president' tingħata l-ġens maskili meta tirreferi għal persuna ta' sess maskili u l-ġens femminili meta tirreferi għal persuna ta' sess femminili). Tip D jista' jitqies bħala l-aktar tip kumpless, minħabba li jinkludi fih il-karatteristika ta' tip B ('dentist' – 'dentista') iżda f'dan il-każ iż-żewġ forom jistgħu jingħataw ġens komuni. Tip E jiġbor fih in-nomi ta' ġens komuni (eż. 'ministru') filwaqt li Tip F jinkludi n-nomi epiċeni (eż. 'tarbija').

*In-nomi ta' ġens komuni u n-nomi epiċeni*

Tajjeb niddistingwu bejn l-aħħar żewġ tipi msemmija hawn fuq, in-nomi ta' ġens komuni u n-nomi epiċeni. In-nomi epiċeni semantikament jirreferu għal entità animata ta' sess maskili jew femminili imma grammatikalment jieħdu ġens wieħed biss. Atkinson (2015: 6) tiddefinihom bħala nomi li għandhom ġens fiss, jirreferu għal ħlejjaq animati iżda m'għandhomx rappreżentazzjoni morfoloġika tas-sess. B'referenza għall-Franċiż hija tkompli tgħid hekk dwar dan it-tip ta' nomi: 'Additionally, a subset of French animate nouns known as 'epicenes' (following Corbett, 1991) does not allow the sex of the referent to be conveyed. Though they have an associated sex, they behave like inanimate nouns in only expressing gender.'[2] Tkompli tgħid li l-ġens ta' xi nomi epiċeni li jirreferu għal persuni huwa konfliġġenti mas-sess tar-referent tipiku tagħhom, u bħala eżempji klassiċi ta' dan il-kunflitt fil-Franċiż issemmi n-nom '*la sentinelle*' (sentinella), li jirreferi ħafna drabi għall-irġiel, u '*le mannequin*' (mudell tal-moda), li jirreferi wkoll għall-mudelli nisa.[3]

Min-naħa l-oħra n-nomi ta' ġens komuni jieħdu żewġ settijiet ta' forom ta' qbil. Huwa għalhekk li Corbett (1991: 181) jissuġġerixxi t-terminu 'double gender' ('ġens doppju') minflok 'ġens komuni'. Nissen (2002: 253-254) ukoll jipproponi l-istess terminu u jagħti xi eżempji mill-Ispanjol li jispiċċaw bit-tarf '-ista', fosthom '*marxista*' (Marxista), '*periodista*' (ġurnalist) u nomi oħra bħal '*modelo*' (mudell/a) u '*policia*' (pulizija raġel/mara). Fabri (2009) jirreferi għal dawn in-nomi ta' ġens komuni bħala nomi li mhumiex speċifikati għall-ġens u għaldaqstant jipproponi t-terminu '*underspecified*'. Mela fil-każ tan-nomi ta' ġens komuni l-qbil grammatikali jvarja skont is-sess tal-persuna assoċjata man-nom. Jekk il-kuntest ikun jipprovdi tagħrif referenzjali (eż. is-sess tar-referent) l-elementi-mira jridu jinflettu fil-maskil jew fil-femminil b'mod li jikkumplimenta s-sess tar-referent tan-nom. Min-naħa l-oħra, fil-każ tan-nomi epiċeni l-qbil grammatikali tal-elementi-mira jkun ibbażat

fuq il-ġens fiss assenjat lin-nom epiċenu, irrelevanti mis-sess tar-referent animat tiegħu. Għaldaqstant f'dan il-każ huwa l-aspett morfofonoloġiku tan-nom epiċenu li jiddetta l-qbil grammatikali. Dan ifisser li l-grammatika tradizzjonali tippreskrivi l-espressjoni 'Pawlu persuna simpatika' bħala korretta u tqis bħala mhux korretta 'Pawlu persuna simpatiku'. F'każ li nom epiċenu jkun jirreferi għal annimal, fil-lingwa li tkun tiżdied miegħu l-kelma li tfisser 'mara' jew 'raġel' b'dik il-lingwa jekk ikun irid jiġi speċifikat xi sess partikolari tal-ispeċi.[4] F'dan il-każ, però, in-nom ma jibqax aktar epiċenu. Dan jista' jseħħ ukoll fil-każ ta' nomi epiċeni li jirreferu għal persuni meta tinħoloq forma oħra ma' dik eżistenti biex b'hekk kull forma mit-tnejn tkun assoċjata ma' referent ta' sess differenti. Atkinson (2015: 7) tinnota li fil-Franċiż, l-aktar dak mitkellem il-Kanada, in-nomi epiċeni li jirreferu għal persuni qegħdin kulma jmur dejjem jonqsu minħabba li qed jinħolqu forom ġodda biex jiddistingwu bejn sess u ieħor, minkejja li mhux dejjem ikunu rikonoxxuti uffiċjalment. Hija tikkwota lil Vinay & Darbelnet (1995), li jagħtu eżempji ta' forom femminili ġodda li qed jinħolqu biex jikkorrispondu mal-forom maskili, pereżempju '*la professeure*' (professoressa) biex tikkorrispondi mal-forma '*le professeur*' (professur). Dan il-proċess iseħħ ukoll xi drabi fil-Malti, bħal meta jinħolqu forom bħal 'avukata' minn 'avukat', 'surġenta' minn 'surġent' u 'perita' minn 'perit' biex jirreferu b'mod partikolari għal persuna ta' sess femminili. Madanakollu rridu ngħidu li din it-tendenza fil-Malti s'issa għadha mhix mifruxa ħafna minħabba li ta' spiss issib oppożizzjoni minn persuni, l-aktar tas-sess femminili, li jokkupaw ċerti karigi u professjonijiet. Dawn x'aktarx jippreferu l-forma maskili anke biex jirreferu għal persuna ta' sess femminili, minħabba li jqisuha aktar prestiġjuża. Dan ifisser li ċerti forom bħal 'ministra', 'kapa', 'sindka', 'spettura' s'issa għadhom mhumiex aċċettati minn kulħadd.

Minkejja din id-distinzjoni bejn in-nomi ta' ġens komuni u n-nomi epiċeni mhux l-ewwel darba li dawn jitqiesu bħala sinonimi f'xogħlijiet grammatikali u lingwistiċi,[5] kif insibu, ngħidu aħna, fil-grammatika Treccani:

> *'I cosiddetti nomi di genere comune (o epiceni) hanno un'unica forma per il maschile e il femminile; il genere dunque è ricostruibile solo dall'eventuale presenza dell'articolo o di un aggettivo – un insegnante / un'insegnante, il giornalista / la giornalista, il giudice / la giudice... Molti nomi di animali, per lo più selvatici, hanno un'unica forma per indicare l'animale sia maschio, sia femmina (genere promiscuo) – la tigre, la volpe, la balena, il topo, lo gnu, il ragno.'*

Soriano tiddistingwi bejn in-nomi ta' ġens komuni u n-nomi ta' ġens promiskwu:

> '*I nomi di genere comune hanno una sola forma per il maschile e una per il femminile, mentre i nomi promiscui hanno un solo genere grammaticale per individui di sesso maschile o femminile.*'[6]

De Santis (2012) min-naħa l-oħra bħal donnha tiġbor flimkien it-termini '*epiceni*', '*comune*' u '*promiscui*':

> '*I nomi epicèni (dal gr. epíkoinon 'comune', sottinteso génos 'genere'), o promiscui, sono nomi che hanno un'unica forma per il maschile e il femminile, indipendentemente dal sesso dell'essere animato a cui si riferiscono (il pesce, la volpe). Tendono a comportarsi allo stesso modo nomi di professioni e cariche un tempo appannaggio degli uomini, come preside. In questo caso, però, il genere può essere indicato dall'articolo che precede il nome (il/la preside o il/la dirigente) e dagli eventuali aggettivi e participi passati accordati al nome: è arrivata la nuova preside.*'[7]

It-terminu 'ġens epiċenu' kif qed jintuża f'din il-ktiba jikkorrispondi aktar mat-terminu Taljan *genere promiscuo*. Interessanti ninnutaw li Panzavecchia fil-grammatika tiegħu tal-1845 fit-taqsima 'Del genere del Nome' juża t-terminu 'ġens promiskwu' biex jirreferi għal dawk in-nomi li fil-fehma tiegħu għandhom ġens dubjuż, u bħala eżempju jsemmi nomi li jirreferu għal annimali bħal 'ħamiema', 'summiena' u 'għarnuq'.

F'xi lingwi, fosthom il-Malti, ħafna nomi li jirreferu għal annimali fil-fatt huma epiċeni. Skont Corbett (1991: 68) dawn in-nomi jirreferu għal annimali li fil-każ tagħhom mhux faċli niddistingu bejn ir-raġel u l-mara tal-ispeċi. Madanakollu dan ivarja minn lingwa għal oħra. Bosta drabi minflok jintużaw żewġ forom (differenti jew relatati morfoloġikament[8]) biex jirreferu għar-raġel u l-mara tal-istess speċi ta' annimal, tkun teżisti forma waħda li tirreferi għaż-żewġ sessi (forma epiċena). Fil-fehma ta' Corbett dan jiddependi mill-importanza li dawn l-annimali jkollhom għall-bniedem jew inkella minn differenza fiżika evidenti. Fin-nuqqas ta' dawn iż-żewġ kriterji, akbar tkun il-probabbiltà li jkollna forma waħda epiċena. Fil-Malti x'aktarx li wara n-nom epiċenu li jirreferi għal annimal jiżdiedu l-klassifikaturi 'raġel' jew 'mara' u n-nom ma jibqax jitqies aktar epiċenu. Hekk, pereżempju, minkejja li n-nom 'kangarù' fid-dizzjunarju huwa maskili u jirreferi għaż-

żewġ sessi tal-ispeċi, nistgħu niddistingwu bejn kangarù raġel (maskil) u kangarù mara (femminil).

F'bosta grammatiki tal-Malti n-nomi ta' ġens komuni u n-nomi epiċeni kemm-il darba tpoġġew f'keffa waħda u tqiesu lkoll kemm huma bħala nomi ta' ġens komuni, anke jekk fil-fatt, kif rajna, dan mhuwiex tassew il-każ . Bro Henry (2004: 140), ngħidu aħna, jgħid li fil-Malti ma jeżistix ġens newtru iżda xi nomi jistgħu jkunu ta' ġens komuni, u bħala eżempju jagħti n-nom 'tarbija', li tista' tkun tifel jew tifla. Hawnhekk irridu ngħidu li l-awtur mhuwiex korrett fl-eżempju li jagħti minħabba li qiegħed iħallat il-ġens grammatikali u l-ġens naturali flimkien. Grammatikalment in-nom 'tarbija' mhuwiex ta' ġens komuni iżda huwa nom epiċenu ta' ġens femminili.

F'kumment ieħor dwar in-nom animat Bro Henry jgħid li, għajr xi eċċezzjonijiet (eż. 'żiemel' – 'żwiemel', 'debba' – 'dwieb'), fil-plural dan isir ta' ġens komuni, 'jiġifieri joqgħod sew għall-maskil kif ukoll għall-femminil' (2004: 140), pereżempju 'żgħażagħ', li tirreferi kemm għal tfajliet kif ukoll għal ġuvintur. Hawn nerġgħu ninnutaw inkonsistenza fl-użu tat-terminu 'ġens komuni', li qed jintuża biex jirreferi għal fattur semantiku (raġel/mara) minflok biex jirreferi għal fattur grammatikali (maskil/femminil).

Cachia (1994: 70-74) juża t-terminu 'komuni' b'mod aħjar. Huwa jgħid li meta nom ikollu l-maskil u l-femminil fis-singular, fil-plural ikollu kelma waħda komuni għall-maskil u l-femminil (pereżempju 'tifel' – 'tifla' – 'tfal'). Ikompli jgħid li l-aġġettivi u l-parteċipji użati bħala aġġettivi jew nomi x'aktarx jużaw il-forma tal-femminil singular bħala plural għall-maskil u l-femminil. Skont Cachia xi drabi dan il-'femminil' użat bħala plural warrab kważi għalkollox il-plural veru, u bħala eżempju jsemmi 'ħaddiema' (pl.) li warrbet kważi għalkollox lil 'ħaddemin'. Ta' min jgħid li hawn l-awtur mhuwiex preċiż għax il-'forma tal-femminil singular' li jirreferi għaliha fil-fatt mhijiex ħlief forma oħra tal-plural. Borg u Azzopardi Alexander (1997) jitkellmu wkoll fuq dan il-punt fil-grammatika tagħhom iżda jinterpretawh b'mod differenti minn Cachia. Is-suffiss '-a' ma' nomi fil-plural, skont dawn l-awturi, l-aħjar ikun analizzat bħala suffiss tal-plural omofonu mas-suffiss femminili fis-singular. Din l-interpretazzjoni ta' Borg u Azzopardi Alexander hija msaħħa mill-istudju ta' Mifsud (1995: 74), li jikkunsidra t-tarf '-a' f'dawn il-każi bħala suffiss tal-plural tan-nomi ta' professjoni, pereżempju 'baħħara', 'ħaddiema', 'naġġara', 'qattiela'. Mifsud ikompli jgħid li b'kumbinazzjoni dan it-tarf ta' oriġini Semitika sab *appui* f'morfema simili tal-plural użata f'xi djaletti tat-Taljan tan-Nofsinhar, pereżempju 'biċċiera', 'barbiera'.

F'xogħol li għamlet dwar in-nomi ta' ġens komuni u n-nomi epiċeni fl-Ispanjol, Ogneva (2020)[9] issemmi numru ta' nomi epiċeni li jieħdu l-ġens maskili, eż. '*el personaje*' (personaġġ), '*el bebé*' (tarbija), '*el genio*' (ġenju) u nomi epiċeni li jieħdu l-ġens femminili: '*la víctima*' (vittma), '*la persona*' (persuna). Iżżid tgħid li f'xi djaletti tal-Ispanjol dawn in-nomi jistgħu jibdlu l-ġens tagħhom, ngħidu aħna fl-Ispanjol tal-Messiku '*bebé*' huwa nom epiċenu femminil – '*la bebé*'. Issemmi wkoll kif xi wħud minn dawn in-nomi jiżviluppaw varjanti oħra li jintużaw f'reġistru informali. Bħala eżempju ssemmi n-nom '*personaje*', li beda jieħu wkoll il-ġens epiċenu femminili flimkien mal-maskil, iżda dan l-iżvilupp grammatikali kien akkumpanjat ukoll minn żvilupp semantiku tant li meta jingħata l-ġens femminili n-nom ma jibqax jirreferi biss għal kwalunkwe personaġġ iżda jirreferi għal persuna li ħaddieħor ma tantx jieħu gost fil-preżenza tagħha. Jiġifieri l-bidla fil-ġens tan-nom epiċenu tikkawża bidla fit-tifsira tiegħu.

*Osservazzjoni dwar in-nomi epiċeni*

Fil-Malti kontemporanju jidher li qed isseħħ xi forma ta' żvilupp simili għal dak imsemmi fl-eżempju t'hawn fuq fl-Ispanjol, fis-sens li xi nomi epiċeni qed jiġu ttrattati aktar bħala nomi ta' ġens komuni, jiġifieri qed jingħatalhom ġens ieħor ma' dak li jingħatalhom is-soltu. L-awtur ta' dan ix-xogħol kien diġà osserva din it-tendenza f'xogħol preċedenti li kien jittratta b'mod komprensiv il-ġens grammatikali fil-Malti. F'dan ix-xogħol Farrugia (2018) investiga fost l-oħrajn x'ġens qed jingħata lin-nomi li jirreferu għal persuni, li fosthom kien hemm nomi ta' ġens komuni u oħrajn epiċeni ('vittma', 'tarbija', 'persuna' u 'membru'). Dawn in-nomi kienu studjati f'kuntesti differenti; fl-ewwel kuntest in-nomi kienu użati weħidhom (kuntest iżolat) jiġifieri l-informanti kellhom jagħżlu aġġettiv li jikkwalifikahom, filwaqt li fit-tieni esperiment l-istess nomi tpoġġew f'kuntesti sentenzjali użati bħala oġġett fil-predikat tas-sentenza. F'dan l-esperiment l-informanti ma kellhomx jagħżlu bejn żewġ forom tal-aġġettiv ipprovduti fil-kwestjonarju stess iżda ntalbu jittradu ċu mill-Ingliż għall-Malti l-aġġettiv li kien mogħti fil-parentesi fit-tarf tas-sentenza. L-aġġettivi Ingliżi (i) ingħataw sempliċi kemm jista' jkun biex l-informanti ma jsibux diffikultà meta jiġu biex jittraduċuhom għall-Malti, u (ii) ġew magħżula b'mod li fil-Malti għandhom il-forma maskili u femminili, biex tirrifletti l-ġens tan-nom mogħti mill-informanti, pereżempju 'Kate hija

membru ___________ (NEW).' B'hekk l-għażla tal-ġens mill-informanti kienet ftit inqas ikkontrollata u aktar spontanja mill-ewwel esperiment. L-għan ta' dawn l-esperimenti kien li jinvestiga jekk hemmx rabta bejn l-informazzjoni kunċettwali (is-sess tar-referent), mogħtija permezz tal-frażi nominali bħala s-suġġett tas-sentenza, u l-ġens assoċjat man-nom komuni predikattiv. Għaldaqstant l-istess sentenzi daqqa kellhom suġġett maskili u daqqa suġġett femminili, pereżempju (i) Kate hija membru ġdid/ġdida / (ii) Matthew huwa membru ġdid/ġdida. In-nomi użati f'dan l-esperiment kienu nomi li fil-bidu tal-istudju kienu kklassifikati ipotetikament bħala ta' tip E (i.e. komuni) u F (epiċeni) u li kienu użati wkoll f'kuntest iżolat fl-ewwel esperiment. 300 informant ta' sess u età differenti pparteċipaw f'dawn l-esperimenti. Ir-riżultat li ħareġ minnhom f'dak li jirrigwarda n-nomi epiċeni huwa mogħti f'din it-tabella, imqabbel ukoll mal-ġens li jingħataw fid-dizzjunarju:

| Nom | Ġens mogħti fid-dizzjunarju (Aquilina, 2006) | L-aktar ġens mogħti mill-informanti – kuntest iżolat % (N = 300) | L-aktar ġens mogħti mill-informanti – kuntest sentenzjali (suġġett kompatibbli mal-ġens tan-nom fil-predikat) % (N = 300) | L-aktar ġens mogħti mill-informanti – kuntest sentenzjali (suġġett mhux kompatibbli mal-ġens tan-nom fil-predikat) % (N = 300) |
|---|---|---|---|---|
| membru | maskil | mask. (97.3) | mask. (100) | mask. (52.7) |
| persuna | femminil | fem. (94.7) | fem. (99.3) | fem. (69.3) |
| tarbija | femminil | fem. (95.0) | fem. (100) | fem. (70.0) |
| vittma | femminil | fem. (71.3) | --- | --- |

Tabella 1: Il-ġens mogħti lil erba' nomi epiċeni f'kuntesti varji fl-istudju ta' Farrugia (2018)

L-informazzjoni li toħroġ minn din it-tabella tikkonferma tendenza li minn kuntest għal ieħor dawn in-nomi epiċeni kienu ttrattati kemxejn differenti. Il-persentaġġi aktar baxxi li ngħataw f'wieħed mill-kuntesti sentenzjali jindikaw li meta l-informanti assoċjaw dawn in-nomi mal-informazzjoni kunċettwali pprovduta fil-kuntest sentenzjali assenjawlhom il-ġens tagħhom aktar fuq bażi semantika (is-sess tar-referent suġġettivali assoċjat magħhom). Pereżempju n-nom 'membru', minkejja li kien ittrattat l-aktar bħala nom

maskili, kemm meta kien jirreferi għal raġel kif ukoll meta kien jirreferi għal mara, meta s-suġġett kien femminili kważi nofs l-informanti tawh il-ġens femminil. Hekk ukoll in-nom 'tarbija', li għalkemm kien ittrattat bħala nom femminili kemm meta s-suġġett kien raġel kif ukoll meta kien mara, 30% tal-informanti qisuh bħala nom maskili meta s-suġġett kien jirreferi għal raġel.

Fix-xogħol imsemmi aktar 'il fuq Farrugia kompla jinvestiga n-nomi epiċeni f'kuntest sintattiku ieħor. Din id-darba l-esperiment kien maqsum f'żewġ partijiet li tpoġġew fi kwestjonarji separati. Kwestjonarju minnhom kellu l-għan li jistudja n-nomi epiċeni f'kuntest sintattiku partikolari, tat-tip 'It-tarbija (huwa/hija) Mark.' F'dan l-esperiment kien investigat kemm il-forma tal-pronom b'użu kopulari hija influwenzata mill-ġens naturali (kontenut semantiku-kunċettwali) tan-nom proprju li qiegħed fil-predikat (fit-tarf tas-sentenza) jew inkella mill-ġens epiċenu tan-nom li huwa s-suġġett tas-sentenza. Biex ikun studjat dan l-effett f'dawn is-sentenzi ngħażel bħala suġġett nom epiċenu li l-ġens tiegħu ma kienx jaqbel mal-ġens naturali tan-nom fil-predikat. Il-forma tal-pronom b'użu kopulari tindika jekk il-qbil ikunx qed isir mal-ġens grammatikali tal-ġens epiċenu jew inkella mal-ġens naturali tan-nom proprju. Jekk, pereżempju, fis-sentenza li tajna hawn fuq l-informanti jagħżlu 'It-tarbija huwa Mark', dan ikun ifisser li hemm effett semantiku li qed jinfluwenza l-għoti tal-ġens u li n-nom 'tarbija' f'dan il-każ qed ikun ittrattat aktar bħala nom ta' ġens komuni milli bħala nom epiċenu.

Fil-kwestjonarju l-ieħor insibu verżjoni kemxejn differenti ta' dan il-kuntest sintattiku. F'dan il-każ l-informanti riedu jagħżlu kemm il-forma tal-pronom b'użu kopulari kif ukoll il-forma maskili jew femminili tal-aġġettiv attributtiv li jikkwalifika n-nom epiċenu bħala s-suġġett tas-sentenza, pereżempju 'It-tarbija (l-ġdid/l-ġdida) (huwa/hija) Mark.' Dan sar biex ikun investigat kemm il-forma tal-aġġettiv qed tkun affettwata mill-kontenut semantiku tan-nom proprju fil-predikat jew inkella mill-ġens grammatikali marbut man-nom epiċenu 'tarbija' użat bħala s-suġġett tas-sentenza. Ir-riżultati taż-żewġ kwestjonarji tqabblu flimkien.

It-tagħrif kollu miġbur minn dawn l-esperimenti kkonferma li, tal-anqas fis-sentenzi tat-tip 'It-tarbija huwa/hija Mark', b'mod ġenerali l-forma tal-pronom b'użu kopulari tkun influwenzata ħafna mill-ġens naturali (kontenut semantiku-kunċettwali) tan-nom proprju li qiegħed fil-predikat (f'dan il-każ, fit-tarf tas-sentenza). Din L-influwenza tinħass l-inqas fil-każ tan-nomi 'tarbija' u 'persuna'. Dan ifisser li dawn iż-żewġ nomi epiċeni kienu l-anqas li ġew ittrattati bħala nomi ta' ġens komuni fost in-nomi epiċeni kollha

studjati, li kienu jinkludu 'ġenju', 'vittma', 'persunaġġ' u 'membru'. Meta jidħol il-fattur tal-età reġgħet kienet ikkonfermata t-tendenza li l-informanti adulti jibbażaw il-qbil tagħhom, aktar mill-informanti żgħażagħ, fuq il-ġens epiċenu tan-nom li huwa s-suġġett tas-sentenza.

L-influwenza tal-informazzjoni kunċettwali (mogħtija min-nom proprju fil-predikat) fuq il-forma tal-verb baqgħet tidher ukoll, fi gradi differenti, meta ġie infilsat aġġettiv attributtiv li jikkwalifika n-nom epiċenu bħala s-suġġett tas-sentenza. Bħal fil-każ ta' qabel, għalkemm qawwija wkoll, l-inqas li nħasset din l-influwenza kien fin-nomi epiċeni 'tarbija' u 'persuna'.

F'dawn il-kuntesti sintattiċi nstabet relazzjoni akbar bejn il-varjabbli tal-età u l-għoti tal-ġens milli bejn il-varjabbli tas-sess tal-informanti u l-għoti tal-ġens lin-nomi studjati. L-akbar differenzi bejn iż-żewġ gruppi ta' età differenti nstabu fil-każ tan-nomi epiċeni 'tarbija', 'persuna' u 'vittma', li tqiesu bħala nomi epiċeni aktar mill-anzjani milli miż-żgħażagħ.

Dan ifisser ukoll li xi wħud mill-parteċipanti kienu qed jittrattaw lil dawn in-nomi bħala nomi ta' ġens komuni jew bħala nomi li Corbett (1991: 225-226) isejħilhom 'ibridi', aktar milli bħala nomi ta' ġens epiċenu. Fil-fehma ta' Corbett (1991: 226) il-qbil semantiku f'dan il-każ ma jinfluwenzax bl-istess mod l-element fil-mira assoċjata man-nom. Kien innutat ukoll li din it-tendenza kienet aktar b'saħħitha fost il-parteċipanti żgħażagħ. Għaldaqstant, wara numru ta' snin li sar dan ix-xogħol, l-awtur ta' din il-ktiba xtaq jeżamina jekk din it-tendenza fin-nomi epiċeni komplietx tiżviluppa fil-Malti kontemporanju, u għal dan il-għan fassal studju bbażat fuq kwestjonarju lingwistiku li kien jinkludi numru akbar ta' nomi li tradizzjonalment tqiesu epiċeni.

*Studju ieħor*

L-għan ewlieni tax-xogħol kien li jistudja numru ta' nomi animati li preskrittivament jitqiesu bħala nomi epiċeni minħabba li għalkemm jirreferu għal persuni taż-żewġ sessi tradizzjonalment jingħataw ġens fiss, il-maskil jew il-femminil. Ma' dawn in-nomi żdiedu żewġ nomi ta' ġens komuni, 'ministru' u 'kollega', li servew ta' nomi aljenatorji bil-għan li jiddevjaw l-attenzjoni ta' dawk li jimlew il-kwestjonarju, li fuqu kien ibbażat dan l-istudju, mill-għan proprju tar-riċerka. Fl-istess waqt dawn iż-żewġ nomi

servew ukoll biex titqabbel magħhom l-informazzjoni li kienet se tinkiseb fil-każ tan-nomi epiċeni. L-ipotesi nulla f'dan l-esperiment kienet li n-nomi kollha kienu se jkunu trattati bl-istess mod filwaqt li l-ipotesi alternattiva kienet li n-nomi epiċeni kienu se jiġu trattati b'mod differenti min-nomi ta' ġens komuni. In-nomi kollha magħżula għal dan l-istudju jidhru fit-tabella 2 t'hawn taħt flimkien mal-ġens assoċjat magħhom kif normalment insibuh fid-dizzjunarji.

| Nom | Epiċenu/Komuni | Ġens |
|---|---|---|
| bhima | epiċenu | fem. |
| persuna | epiċenu | fem. |
| tarbija | epiċenu | fem. |
| vittma | epiċenu | fem. |
| anġlu | epiċenu | mask. |
| annimal | epiċenu | mask. |
| buffu | epiċenu | mask. |
| ġenju | epiċenu | mask. |
| għadu | epiċenu | mask. |
| karattru | epiċenu | mask. |
| membru | epiċenu | mask. |
| personaġġ | epiċenu | mask. |
| wild | epiċenu | mask. |
| ministru | komuni | mask. + fem. |
| kollega | komuni | mask. + fem. |

Tabella 2: It-tip ta' nomi li ġew studjati u l-ġens li jingħatalhom skont id-dizzjunarju t'Aquilina (1987-1990)

Il-kwestjonarju kien maqsum f'żewġ taqsimiet. L-ewwel taqsima kienet tikkonsisti f'numru ta' sentenzi li kull waħda minnhom serviet bħala kuntest introduttorju għal żewġ sentenzi oħra li kienu jsegwuha. Il-parteċipanti ntalbu jagħżlu dik is-sentenza, minn dawn iż-żewġ sentenzi, li fil-fehma tagħhom kienet l-aktar naturali u li kieku kienu jużaw huma. Il-parteċipanti setgħu wkoll jagħżlu li jgħiduhom it-tnejn f'każ li jħossu li ż-żewġ sentenzi kienu jinħassu naturali għalihom. L-ewwel sentenza, li serviet bħala kuntest, kienet tipprovdi tagħrif dwar ir-referent li jissemma fiha u t-tieni sentenza, li kellhom jagħżlu l-informanti, kienet marbuta mal-ewwel sentenza f'dan ir-rigward. Fl-istess ħin fit-tieni sentenza kien

hemm numru ta' elementi grammatikali, bħall-inflessjoni tal-verb, il-forma tal-aġġettiv u l-pronom meħmuż, li fil-Malti jridu jkunu mmarkati għall-ġens. Għaldaqstant meta jagħżlu sentenza partikolari l-parteċipanti kienu wkoll qegħdin juru l-ġens li jassoċjaw man-nom imsemmi fil-frażi nominali suġġettivali. F'kull każ is-sess tar-referent imsemmi fl-ewwel sentenza (is-sentenza introduttorja) ma kienx kompatibbli mal-ġens tan-nom kontrollatur (epiċenu) li jikkorrispondi miegħu fit-tieni sentenza. L-eżempju li ġej jispjega aħjar dan li għedna:

1. Ilbieraħ kellhom tifel ieħor u se jsemmuh Albert.
   - Din it-tarbija għandha għajnejha kannella.
   - Dan it-tarbija għandu għajnejh kannella.
   - Ngħidhom it-tnejn.

It-tieni parti tal-kwestjonarju kienet tikkonsisti minn pari ta' sentenzi li s-suġġett tagħhom kien l-istess nom epiċenu. Il-parteċipanti kellhom jimmarkaw dik is-sentenza li fil-fehma tagħhom kienet l-aktar naturali għalihom. F'każ li jħossu li ż-żewġ sentenzi kienu naturali għalihom setgħu jagħżlu li jimmarkaw il-kaxxa 'Ngħidhom it-tnejn'. Id-differenza bejn iż-żewġ sentenzi kienet fil-qbil tal-ġens grammatikali ta' ċerti elementi fihom f'relazzjoni man-nom epiċenu użat bħala s-suġġett tas-sentenza, jiġifieri f'sentenza minnhom il-qbil grammatikali bejn in-nom epiċenu u l-elementi marbuta miegħu kien fil-maskil filwaqt li fis-sentenza l-oħra l-qbil kien fil-femminil, kif jidher f'dan l-eżempju.

- It-tarbija l-ġdida bkiet bikja twila.
- It-tarbija l-ġdid beka bikja twila.
- Ngħidhom it-tnejn.

L-għan ewlieni li għalih il-kwestjonarju kien imqassam f'dawn iż-żewġ taqsimiet kien biex ikun studjat jekk il-fatt li n-nom epiċenu jkun marbut ma' informazzjoni kunċettwali jagħmilx differenza fl-għoti tal-ġens li jingħatalu. F'każ li jinstab li n-nom epiċenu baqa' jingħata l-istess ġens fiż-żewġ kuntesti/esperimenti jkun ifisser li n-nom għadu jiffunzjona bħala nom epiċenu fil-Malti kontemporanju. Min-naħa l-oħra f'każ li jinstab li l-ġens tan-nom epiċenu ma baqax stabbli fiż-żewġ kuntesti (fil-kuntest li fih kien assoċjat ma' tagħrif kunċettwali u fil-kuntest l-ieħor, fejn ma kienx assoċjat

ma' ġens kunċettwali) allura dan ikun ifisser li n-nom aktar jista' jitqies bħala nom ta' ġens komuni milli nom epiċenu.

Wara li sar studju pilota ma' 20 informant u sar it-tibdil meħtieġ fil-kwestjonarju ġew mistiedna numru ta' persuni, ilkoll kelliema tal-Malti, biex jipparteċipaw f'dan l-istudju. Kull min kien interessat li jipparteċipa ntbagħtitlu ħolqa elettronika biex ikun jista' jimla kwestjonarju fuq Google Forms. Wara li dan il-kwestjonarju mtela minn 250 persuna ta' etajiet u sess differenti f'anqas minn jumejn ma tħalliex aċċessibbli aktar minħabba li n-numru ta' parteċipanti kien rappreżentattiv. L-età tal-parteċipanti kienet minn 18-il sena 'l fuq, imqassma kif ġej.

| Età | Numru ta' parteċipanti | % |
|---|---|---|
| 18-25 | 35 | 14.0% |
| 26-30 | 38 | 15.1% |
| 31-35 | 24 | 9.6% |
| 36-40 | 40 | 15.9% |
| 41-45 | 27 | 10.9% |
| 46-50 | 27 | 10.9% |
| 51-55 | 14 | 5.6% |
| 56-60 | 16 | 6.4% |
| 61 + | 29 | 11.6% |

Tabella 3: L-età tal-parteċipanti li ħadu sehem fl-istudju

Biex ikun studjat jekk il-varjabbli tal-età jinfluwenzax il-ġens li jingħata lin-nomi studjati kienu kkunsidrati biss żewġ gruppi ta' parteċipanti, li grupp minnhom kellhom bejn it-18 u t-30 sena u l-grupp l-ieħor kien jinkludi parteċipanti li kellhom minn 51 sena 'l fuq. B'dan il-mod id-differenza fl-età bejn iż-żewġ gruppi kienet konsiderevoli u l-varjabbli tal-età seta' jkun studjat aħjar.

It-tabella li ġejja turi l-persentaġġ tal-ġens assoċjat man-nomi studjati fiż-żewġ kuntesti mogħtija fil-kwestjonarju, jiġifieri f'kuntest fejn in-nom kien preċedut minn informazzjoni kunċettwati (is-sess tar-referent) marbuta miegħu (+ inf. kunċett.) u f'kuntest ieħor li ma kienx jagħti ħjiel ta' informazzjoni kunċettwali marbuta man-nom (- inf. kunċett.). Fit-tabella mhux qed ikunu inklużi t-tweġibiet tal-informanti li qalu li n-nom jikkunsidrawh kemm mask. kif ukoll fem.

| Nom | Ġens | | | |
|---|---|---|---|---|
| | + Inf. Kunċett. | | - Inf. Kunċett. | |
| | % mask. | % fem. | % mask. | % fem. |
| tarbija | 9.6 | 86.1 | 1.2 | 94.4 |
| persuna | 15.9 | 73.7 | 1.6 | 90.0 |
| vittma | 78.5 | 10.0 | 4.8 | 52.2 |
| bhima | 27.5 | 66.9 | 6.0 | 79.3 |
| personaġġ | 26.3 | 66.9 | 79.3 | 2.0 |
| anġlu | 11.2 | 80.9 | 67.9 | 2.4 |
| għadu | 72.1 | 21.1 | 88.0 | 1.6 |
| wild | 52.2 | 35.1 | 89.2 | 0.8 |
| buffu | 4.4 | 90.0 | 82.4 | 2.0 |
| karattru | 59.0 | 32.7 | 64.9 | 3.6 |
| annimal | 83.7 | 12.0 | 96.4 | 0.8 |
| ġenju | 6.8 | 88.8 | 51.4 | 2.0 |
| membru | 13.9 | 79.7 | 50.8 | 2.8 |
| ministru | 11.2 | 82.9 | 43.0 | 1.6 |
| kollega | 94.8 | 1.6 | 9.2 | 25.6 |

Tabella 4: Il-ġens mogħti lin-nomi f'żewġ kuntesti differenti

Ir-riżultati miksuba juru li kważi nofs in-nomi li tradizzjonalment huma meqjusa epiċeni qed iġibu ruħhom kif normalment iġibu ruħhom in-nomi ta' ġens komuni, jiġifieri fiż-żewġ kuntesti studjati ma żammewx il-ġens fiss li suppost huwa assoċjat magħhom. Dawn huma n-nomi 'buffu', 'ġenju', 'anġlu', 'membru' u 'personaġġ', li d-dizzjunarju jqishom bħala nomi ta' ġens maskili iżda dan l-istudju wera li f'kuntest fejn kienu assoċjati ma' referent ta' sess femminili ngħataw b'mod qawwi l-ġens femminili, kif ukoll in-nom 'vittma', li d-dizzjunarju jqisu bħala nom epiċenu ta' ġens femminili iżda li dan l-istudju wera li f'kuntest fejn kien assoċjat ma' referent ta' sess maskili ngħata b'mod qawwi l-ġens maskili. Dan ifisser li t-tendenza tal-għoti tal-ġens lil dawn in-nomi aktar tixbah lil dik li jingħataw in-nomi ta' ġens komuni, bħan-nomi 'kollega' u 'ministru', studjati f'dan ix-xogħol, li f'kuntest fejn il-parteċipanti setgħu jassoċjawhom ma' referent ta' sess partikolari ngħataw il-ġens li jikkorrispondi mas-sess tar-referent ('ministru' 82.9% fem. meta kien jirreferi għal mara, imqabbel mal-1.6% fem. meta ma kienx assoċjat ma' referent; u 'kollega', li ngħata 94.8%




Dijagramma 1:




Dijagramma 2:

mask. meta kien jirreferi għal raġel, imqabbel ma' 9.2% mask. fin-nuqqas ta' assoċjazzjoni ma' referent). Fid-dijagramma 1 nistgħu nosservaw b'liema grad dawn in-nomi qed iġibu ruħhom bħala nomi ta' ġens komuni; itwal ma tkun il-linja ta' ħdejhom aktar ifisser li qed jiġu ttrattati bħala nomi ta' ġens komuni.

In-nomi l-oħra studjati jidher li għadhom jitqiesu aktar bħala nomi epiċeni mill-maġġoranza tal-kelliema, għalkemm fi gradi differenti. L-aktar nom li għadu jitqies bħala epiċenu huwa n-nom 'tarbija', segwit

min-nomi 'annimal', 'persuna', 'għadu', 'bhima', 'wild' u 'karattru'. Id-dijagramma 2 turi l-grad ta' kemm dawn in-nomi għadhom iġibu ruħhom ta' nomi epiċeni. Itwal ma' tkun il-linja maġenbhom aktar ifisser li n-nom għadu jitqies bħala nom epiċenu li jżomm il-ġens fiss tiegħu fil-kuntesti kollha.

| Nom | L-aktar ġens mogħti mill-informanti – kuntest iżolat (Farrugia, 2018) (N = 300) % | L-aktar ġens mogħti mill-informanti – kuntest sentenzjali[1] (Farrugia, 2022) (N = 250) % | L-aktar ġens mogħti mill-informanti – kuntest sentenzjali[2] (Farrugia, 2018) (N = 300) % | L-aktar ġens mogħti mill-informanti – kuntest sentenzjali[3] (Farrugia, 2018) (N = 300) % | L-aktar ġens mogħti mill-informanti – kuntest sentenzjali[4] (Farrugia, 2022) (N = 250) % |
|---|---|---|---|---|---|
| membru | mask. (97.3) | mask. (97.2) | mask. (100) | mask. (52.7) | fem. (86.1) |
| persuna | fem. (94.7) | fem. (98.4) | fem. (99.3) | fem. (69.3) | fem. (84.1) |
| tarbija | fem. (95.0) | fem. (98.8) | fem. (100) | fem. (70.0) | fem. (89.3) |
| vittma | fem. (71.3) | fem. (95.2) | | | mask. (90.1) |

1. F'dan il-kuntest in-nom epiċenu kien użat bħala s-suġġett tas-sentenza iżda ma kienx marbut ma' informazzjoni kunċettwali. L-għażla kienet bejn żewġ sentenzi ta' dan it-tip: 'Il-membru l-ġdid għamel id-diskors./Il-membru l-ġdida għamlet id-diskors.'
Il-persentaġġi f'din il-kolonna jinkludu wkoll każi fejn il-parteċipanti qiesu ż-żewġ sentenzi bħala naturali għalihom.

2. F'dan il-kuntest in-nom epiċenu kien użat fil-predikat u l-ġens tiegħu kien kompatibbli mas-sess tar-referent tas-suġġett tas-sentenza.
Eż. 'Matthew huwa membru ġdid/ġdida.'

3. F'dan il-kuntest in-nom epiċenu kien użat fil-predikat u l-ġens tiegħu ma kienx kompatibbli mas-sess tar-referent tas-suġġett tas-sentenza.
Eż. 'Kate hija membru ġdid/ġdida.'

4. F'dan il-kuntest sentenzjali n-nom epiċenu kien jifforma parti mill-frażi suġġettivali tas-sentenza li kienet issegwi sentenza oħra mogħtija bħala kuntest u li s-sess tar-referent tagħha ma kienx kompatibbli mal-ġens tan-nom epiċenu mogħti fis-sentenza ta' wara.
Eż. Charlene ssieħbet magħna fil-kumitat il-ġdid.
Din il-membru għandha bosta ideat oriġinali.
Dan il-membru għandu bosta ideat oriġinali.
Ngħidhom it-tnejn.

Tabella 5: Tqabbil tal-ġens mogħti lil erba' nomi epiċeni f'żewġ studji ta' Farrugia (2018 u 2022)

Interessanti nqabblu l-istatistika marbuta ma' erba' nomi epiċeni partikolari ('membru', 'persuna', 'tarbija', 'vittma') li ħarġet mill-istudju preżenti mar-riżultati miksuba f'xogħol tal-istess awtur li kien sar fl-2018 b'referenza għal dawn l-istess nomi. It-tabella 5 turi dan it-tqabbil bejn dawn iż-żewġ studji.

Mit-tabella numru 5 ma nistgħux ma ninnutawx il-bidla fil-ġens assoċjat man-nomi 'membru' u 'vittma' f'kuntest sentenzjali li kien isegwi informazzjoni kunċettwali inkompatibbli man-nom epiċenu (is-sess tar-referent fil-kuntest kien differenti mill-ġens tan-nom). Dan ifisser li dawn iż-żewġ nomi qed ikunu ttrattati aktar bħala nomi ta' ġens komuni milli bħala nomi epiċeni b'ġens fiss. Ifisser ukoll li f'kuntesti sintattiċi differenti l-ġens tan-nomi epiċeni jista' jvarja, jew fi kliem ieħor, ir-relazzjoni bejn il-ġens tan-nom u elementi oħra marbuta miegħu tista' tvarja minn kuntest sintattiku għal ieħor. U hawn insibu qbil ma' dak li tgħid Atkinson (2015: 1): 'Though grammatical gender distinctions are commonplace in the world's languages, the syntax of gender is still up for debate. The only consensus is that a gender feature in the nominal phrase plays a role; the properties and location of this feature continue to be disputed.'[10]

Biex tkun studjata l-probabilità li n-nomi epiċeni jibdew jitqiesu aktar bħala ta' ġens komuni fil-futur ġew analizzati r-riżultati miksuba minn żewġ gruppi ta' parteċipanti, dawk li tqiesu pjuttost żgħar fl-età (minn 18 sa 30 sena) u parteċipanti li huma ta' età aktar avvanzata (minn 51 sena 'l fuq). Ir-riżultati miksuba ta' dawn iż-żewġ gruppi jidhru fit-tabella 6 (f'kuntest li fih ingħatat informazzjoni kunċettwali marbuta mas-sess tar-referent) u fit-tabella 7 (f'kuntest newtrali). Kien maħsub li jekk il-parteċipanti ta' età iżgħar jassoċjaw anqas ġens fiss man-nomi epiċeni, dan ikun ifisser li fil-futur wisq probabbli dawn in-nomi se jkunu trattati aktar bħala nomi ta' ġens komuni.

| Nom | Ġens + Inf. Kunċett | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 18-30 sena (n = 74) | | | 51 sena + (n = 59) | | |
| | % mask. | % fem. | % m. + f. | % mask. | % fem. | % m. + f. |
| tarbija | 17.6 | 77.0 | 5.4 | 5.08 | 91.5 | 3.4 |
| persuna | 21.6 | 63.5 | 14.9 | 15.2 | 76.2 | 8.5 |
| vittma | 74.3 | 16.2 | 9.5 | 88.1 | 3.4 | 8.5 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| bhima | 39.0 | 50.0 | 10.9 | 16.9 | 79.7 | 3.4 |
| personaġġ | 27.0 | 62.1 | 10.9 | 22.0 | 76.2 | 1.7 |
| anġlu | 10.8 | 77.0 | 12.2 | 10.2 | 83.0 | 6.8 |
| għadu | 70.2 | 25.7 | 4.1 | 76.2 | 18.7 | 5.1 |
| wild | 47.3 | 36.5 | 16.2 | 52.5 | 39.0 | 8.5 |
| buffu | 2.7 | 90.5 | 6.8 | 3.4 | 93.2 | 3.4 |
| karattru | 52.7 | 32.4 | 14.9 | 55.9 | 42.4 | 1.7 |
| annimal | 86.5 | 9.5 | 4.1 | 76.2 | 16.9 | 6.8 |
| ġenju | 6.8 | 87.8 | 5.4 | 3.3 | 94.9 | 1.7 |
| membru | 14.9 | 74.3 | 10.8 | 8.5 | 86.4 | 5.1 |
| ministru | 12.2 | 85.1 | 2.7 | 6.8 | 86.4 | 6.8 |
| kollega | 93.2 | 1.4 | 5.4 | 100 | 0 | 0 |

Tabella 6: L-għoti tal-ġens lin-nomi epiċeni minn parteċipanti ta' età differenti f'kuntest li fih ingħatat informazzjoni kunċettwali

| **Nom** | **Ġens - Inf. Kunċett** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **18-30 sena (n = 74)** | | | **51 sena + (n = 59)** | | |
| | % mask. | % fem. | % m. + f. | % mask. | % fem. | % m. + f. |
| tarbija | 2.7 | 93.2 | 4.1 | 0.0 | 93.2 | 6.8 |
| persuna | 2.7 | 87.8 | 9.5 | 1.7 | 94.9 | 3.4 |
| vittma | 6.8 | 44.6 | 48.7 | 8.5 | 40.7 | 50.9 |
| bhima | 10.9 | 64.9 | 24.3 | 3.4 | 88.1 | 8.5 |
| personaġġ | 79.7 | 5.4 | 14.9 | 71.1 | 0.0 | 28.9 |
| anġlu | 74.3 | 0.0 | 23.0 | 49.1 | 1.7 | 49.1 |
| għadu | 81.0 | 4.1 | 14.9 | 93.2 | 0.0 | 6.8 |
| wild | 90.5 | 2.7 | 6.8 | 84.7 | 0.0 | 15.3 |
| buffu | 75.6 | 4.1 | 18.9 | 84.7 | 0.0 | 15.3 |
| karattru | 52.7 | 4.1 | 43.2 | 61.0 | 1.7 | 37.2 |
| annimal | 94.6 | 1.4 | 2.7 | 94.9 | 0.0 | 5.1 |
| ġenju | 50.0 | 2.7 | 47.3 | 52.6 | 1.7 | 45.8 |
| membru | 54.1 | 1.3 | 44.6 | 38.9 | 5.1 | 55.9 |
| ministru | 51.4 | 1.3 | 47.3 | 35.6 | 3.4 | 61.0 |
| kollega | 13.5 | 27.0 | 59.4 | 10.1 | 22.0 | 66.1 |

Tabella 7: L-għoti tal-ġens lin-nomi epiċeni minn parteċipanti ta' età differenti f'kuntest newtrali

Minn dawn ir-riżultati ħareġ li f'kuntest newtrali l-parteċipanti aktar anzjani taw b'mod ċar aktar il-ġens preskrittivament mistenni lin-nomi 'persuna' (f.), 'għadu' (m.), 'bhima' (f.), 'buffu' (m.) u 'karattru' (m.), filwaqt li ż-żgħażagħ għamlu l-istess ħaġa fil-każ tan-nomi 'personaġġ' (m.), 'anġlu' (m.), 'wild' (m.) u 'membru' (m.). F'kuntest fejn ingħatat informazzjoni kunċettwali, jiġifieri fejn is-sess tar-referent kien inkompatibbli mal-ġens mistenni tan-nom, il-parteċipanti aktar anzjani żammew il-ġens fiss tan-nom fil-każ tan-nomi 'tarbija' (f.), persuna (f.), bhima (f.), għadu (m.), wild (m.) u karattru (m.). F'dan il-każ, jiġifieri bħala grupp, l-anzjani jidher li baqgħu jittrattaw dawn in-nomi bħala epiċeni. Min-naħa l-oħra l-informanti aktar żgħażagħ għamlu l-istess ħaġa fil-każ tan-nomi 'vittma' (f.), 'personaġġ' (m.), 'annimal' (m.), 'ġenju' (m) u 'membru' (m.). Tendenza li ħarġet pjuttost ċara kienet li f'kuntest fejn ingħatat informazzjoni kunċettwali kien hemm aktar każi fejn l-istess parteċipanti, fil-maġġoranza tal-każi parteċipanti żgħażagħ, taw kemm il-ġens maskili kif ukoll il-ġens femminili lill-istess nom epiċenu. Dan seħħ fil-każi kollha studjati għajr in-nomi 'għadu' u 'annimal', u jfisser li kien hemm aktar informanti żgħażagħ milli adulti li f'dan il-kuntest partikolari kkunsidraw il-maġġoranza tan-nomi epiċeni bħala nomi ta' ġens komuni. Dan jista' jkun sinjal bikri li maż-żmien dawn in-nomi jistgħu jibdew jitqiesu aktar bħala nomi ta' ġens komuni milli nomi epiċeni.

*Konklużjoni*

L-għan ewlieni ta' dan ix-xogħol kien li jistħarreġ jekk in-nomi li tradizzjonalment jitqiesu epiċeni, jiġifieri jingħataw ġens fiss kemm meta jirreferu għal persuna ta' sess maskili kif ukoll għal persuna ta' sess femminili, għadhomx jiġu ttrattati b'dan il-mod jew inkella humiex qed jiġu ttrattati aktar bħala nomi ta' ġens komuni fil-Malti kontemporanju. Din it-tendenza kienet osservata mill-awtur ta' dan ix-xogħol f'erba' nomi epiċeni ('vittma', 'tarbija', 'persuna' u 'membru') f'xogħol preċedenti (2018), li kien jittratta b'mod komprensiv il-ġens grammatikali fil-Malti. Għaldaqstant biex jinvestiga din it-tendenza l-awtur f'dan ix-xogħol investiga numru akbar ta' nomi li tradizzjonalment u skont id-dizzjunarju ta' Aquilina tqiesu epiċeni. Kien imbassar li n-nomi epiċeni kienu se jiġu ttrattati b'mod differenti min-nomi ta' ġens komuni. In-nomi ġew studjati f'kuntesti sentenzjali differenti, bil-għan li jekk jinstab li n-nom jibqa' jżomm il-ġens tiegħu anke meta jkun

assoċjat ma' referent ta' sess differenti, dan ikun ifisser li n-nom jista' jibqa' jitqies epiċenu, filwaqt li jekk jingħatalu ġens differenti f'kuntesti differenti jkun ifisser li fil-Malti kontemporanju qed ikun ittrattat aktar bħala nom ta' ġens komuni ladarba n-nomi epiċeni għandhom ġens fiss. Mill-analiżi kwantitattiva li saret instab li numru ta' nomi li tradizzjonalment tqiesu epiċeni qed ikunu ttrattati aktar bħala nomi ta' ġens komuni. Madanakollu xi nomi oħrajn, l-aktar in-nomi 'tarbija', 'annimal', 'persuna', 'għadu', 'bhima', 'wild' u 'karattru', għadhom jiġu ttrattati, bi gradi differenti, aktar bħala nomi epiċeni. L-istħarriġ wera wkoll li hemm ħjiel li din it-tendenza, li nom epiċenu jingħata ġens komuni, jista' jkun li tkompli tiżdied fil-futur.

**Biblijografija**


Aquilina, Joseph. *Maltese – English Dictionary*, vol. I & II. Malta: Midsea Books, 1987-1990.

Atkinson, Emily. "Gender features on n & the root: An account of gender in French", 2015. https://www.emilyeatkinson.net/uploads/4/5/4/9/45495303/atkinson_gender_features_on_n.pdf

Badecker, William. "A Feature Principle for Partial Agreement". *Lingua* 117, 2007: 1541-1565.

Borg, Albert u Azzopardi Alexander, Marie. *Maltese*. London: Routledge, 1997.

Brother Henry (Grech, Henry). *Grammatika Maltija*. Malta: De La Salle Brothers Pub., 2004.

Cachia, Lawrence. *Grammatika Ġdida tal-Malti*. Malta: Veritas Press, 1994.

Corbett, Greville G. *Gender*. Cambridge: CUP, 1991.

De Santis, Cristiana. "La giudice e altri sostantivi epicèni", 2012. https://laricerca.loescher.it/la-giudice-e-altri-sostantivi-epiceni. *Aċċess*, 21 ta' April 2022

Fabri, Ray. "To agree or not to agree: suspension of formal agreement in Maltese" f'Fabri, Ray (ed.), *Il-Lingwa Tagħna, Maltese Linguisitcs: A Snapshot In Memory of Joseph A. Cremona (1992-2003)*, vol. 1. 2009, Bochum: Brockmeyer: 35-61.

Farrugia George. *Grammatical Gender in Maltese*. Walter de Gruyter GmbH & Co KG, 2018.

Grammatika Treccani. https://www.treccani.it/enciclopedia/elenco-opere/La_grammatica _italiana

Hellinger, Marlis & Hadumod Bußmann (ed.). *Gender Across Languages: The linguistic representation of women and men*, vol. II. Amsterdam: John Benjamins, 2002.

Kramer, Ruth. *The morphosyntax of gender*. Oxford: Oxford University Press, 2015.

Marcato, Gianna u Thüne, EvaMaria. "Gender and female visibility in Italian" f'Hellinger, Marlis u Bußmann, Hadumod (ed.), *Gender Across Languages*, vol. 2. Amsterdam: John Benjamins B.V., 2002: 187-217.

Nissen, Uwe Kjær. "Gender in Spanish" f'Hellinger, Marlis u Bußmann, Hadumod (ed.), *Gender Across Languages*, vol. 2. Amsterdam: John Benjamins B.V., 2002: 251-279.

Ogneva, Anastasiia. "Gender Agreement Hierarchy in Common Gender and Epicene Nouns in European Spanish" f'*Borealis: An International Journal of Hispanic Linguistics*, 9/1, 2020: 279-292.

Panzavecchia, Fortunato. *Grammatica della Lingua Maltese*. Malta, M. Weiss, 1845.

Soriano, Rossella. "I nomi di genere comuni e i nomi promiscui: definizioni e cosa sono i falsi cambiamenti di genere". https://www.studentitop.it/grammatica/nomi-di-genere-comuni-e-nomi-promiscui/. *Aċċess*, 8 ta' Ġunju 2022.

**Noti:**

1 Terminoloġija proposta minn Corbett (1991). Bl-Ingliż isejħilhom 'target elements' u 'controller' rispettivament.

2 Ara Atkinson (2015: 2).

3 Ibid.: 7.

4 Dawn il-konklużjonijiet jissemmew ukoll f'Corbett (1991) u fi Kramer (2015).

5 Dan il-punt isemmih ukoll Corbett (1991: 67).

6 Ara: https://www.studentitop.it/grammatica/nomi-di-genere-comuni-e-nomi-promiscui/. Aċċess, 8 ta' Ġunju 2022.

7 Ara De Santis (2012), 'La giudice e altri sostantivi epicèni' – 2 ta' Diċembru 2012 – https://laricerca.loescher.it/la-giudice-e-altri-sostantivi-epiceni. Aċċess, 21 ta' April 2022.

8 Farrugia (2018) jirreferi għal dawn in-nomi bħala ta' Tip A u B.

9 Ogneva, Anastasiia. "Gender Agreement Hierarchy in Common Gender And Epicene Nouns in European Spanish" f'*Borealis: An International Journal of Hispanic Linguistics*. 2020, 9/1: 279-292.

10 Ara wkoll Corbett (1991: 226), li jargumenta li l-qbil semantiku ma jinfluwenzax bl-istess mod elementi differenti fis-sentenza u jipproponi ġerarkija ta' qbil b'referenza għan-nomi ibridi fl-Ispanjol.